MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 132/2006

**Maltacom plc**

**Vs**

**Nazzarena Meilaq**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta' Frar, 2006 fejn is-socjeta` attrici qed titlob lill-konvenuta Nazzarena Meilaq ghandha tigi kkundannata thallasha s-somma ta' mitejn u disgha u tletin lira u wiehed u tmenin centezmu (Lm239.81) rapprezentanti ammont li ghadu dovut minnu in konnessjoni ma' servizz tat-telefon bin-numru 2164 9358 qabel bin-numru 642 876 kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mal-avviz bhala Dok a u Dok B.

Ra illi l-konvenuta ghalkemm debitament notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Sema' x-xhieda ta' Dr Ingrid Zammit Young li bil-gurament taghha kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jikkundanna lill-konvenuta Nazzarena Meilaq thallas lis-socjeta` attrici is-somma kif mitluba ta' mitejn u disgha u tletin lira u wiehed u tmenin centezmu (Lm239.81) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data ta' din s-sentenza u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu ta' l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------